



Kumitat għall-Baġits

2023/0156(COD)

17.1.2024

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Baġits

għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u l-Awtorità Doganali tal-Unjoni Ewropea, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 (COM(2023)0258 – C9-0175/2023 – 2023/0156(COD))

Rapporteur għal opinjoni: José Manuel Fernandes

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

L-unjoni doganali tal-UE hija l-bażi u l-gwardjana tas-suq uniku tal-UE¹, li tippermetti l-moviment liberu tal-merkanzija fl-Unjoni f'konformità ma' leġislazzjoni ambizzjuża, li tistabbilixxi standards ambjentali, soċjali, diġitali u tas-sigurtà li jsawru l-mod kif in-negozji joperaw fi ħdan is-suq uniku u lil hinn minnu. Fl-2022, EUR 25 biljun f'dazji doganali ġew trasferiti għall-baġit tal-UE, u dawn jirrappreżentaw madwar 10 % tad-dħul totali tal-UE dik is-sena.

L-awtoritajiet doganali huma dejjem aktar mgħobbija b'firxa dejjem akbar ta' kompiti li jirriżultaw mil-leġislazzjoni ambizzjuża ħafna msemmija hawn fuq. Bħala riżultat ta' dan, illum il-ġurnata l-awtoritajiet doganali jinsabu maqbuda f'morsa bejn kompiti u kumplessità dejjem akbar fuq in-naħa l-waħda, u żieda qawwija fit-trasportazzjonijiet ta' valur baxx fil-kummerċ elettroniku fuq in-naħa l-oħra.

Il-proposta tal-Kummissjoni għandha l-għan li ssaħħaħ il-kapaċità tad-dwana li tissorvelja u tikkontrolla liema merkanzija tidħol u toħroġ mill-unjoni doganali.

Id-dwana se tiegħu approċċ strateġiku ġdid, xprunat mill-analiżi tad-data tal-informazzjoni dwar il-katina tal-provvista, sabiex ikollha azzjoni doganali mmirata u koordinata. Fi sħubija ġdida mal-operaturi kummerċjali, il-piż amministrattiv se jitnaqqas u l-proċessi doganali se jiġu ssimplifikati. Pjattaforma ġdida tad-Data Doganali tal-UE se tiffaċilita l-iskambju u l-kombinazzjoni ta' informazzjoni f'ambjent ċentrali uniku. Awtorità Doganali tal-UE (EUCA) ġdida tmexxi analiżi tar-riskju ċentrali u tappoġġja lill-amministrazzjonijiet nazzjonali, u dan iwassal għal azzjoni doganali koordinata. Fl-aħħar nett, il-proposta se tipprevedi intervent effettiv u bbażat fuq ir-riskju mill-awtoritajiet pubbliċi u tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-baġit tal-Unjoni, permezz tar-riżorsi proprji tradizzjonali.

Ir-rapporteur għal opinjoni jilqa' l-għanijiet ġenerali tal-proposta. L-abbozz ta' opinjoni tiegħu jiffoka fuq oqsma fejn il-Kumitat għall-Baġits jista' jżid il-valur b'mod partikolari tal-EUCA u fuq il-monitoraġġ meħtieġ tal-konsegwenzi finanzjarji tal-proposta fuq il-baġits tal-UE u tal-Istati Membri. L-opinjoni tiġbed ukoll l-attenzjoni fuq il-konsegwenzi tal-introduzzjoni tal-approċċ komuni għall-penali amministrattivi permezz ta' dan ir-Regolament billi tagħmel espliċita l-possibiltà li r-rikavati minn dawn il-penali jiġu nkorporati f'Deċiżjoni futura dwar ir-riżorsi proprji.

Impatt baġitarju u dispożizzjonijiet finanzjarji

L-Awtorità Doganali tal-UE:

L-ispejjeż ta' EUR 58 miljun għall-EUCA u l-iżvilupp taċ-Ċentru tad-Data Doganali tal-UE fl-ewwel sentejn se jiġu ffinanzjati taħt il-Programm Doganali 2021–2027 li EUR 3 miljun minnhom huma għall-EUCA u EUR 55 miljun għaċ-Ċentru.

Wara l-2027, l-ispejjeż totali tar-riforma għall-baġit tal-UE huma stmati għal EUR 1,855 biljun.

¹ Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Jannar 2023 dwar it-30 anniversarju tas-suq uniku: niċċelebraw il-kisbiet u nħarsu lejn żviluppi futuri ([P9_TA\(2023\)0007](#)).

Dan ikopri l-ispiża tal-kompiti fdati lill-EUCA (EUR 280,5 miljun) kif ukoll liċ-Ċentru tad-Data Doganali tal-UE (EUR 1 574.5 miljun li minnhom EUR 1 295 miljun jiġu esternalizzati lill-EUCA).

Ir-rapporteur tagħkom jintroduċi sett ta' emendi fil-premessi u t-Titolu XII tal-proposta:

a) biex jopponi l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tiffinanzja aktar minn 82 % tal-baġit tal-EUCA permezz ta' ftehimiet ta' kontribuzzjoni. Minflok ma jiġi ffinanzjat minn ftehimiet ta' kontribuzzjoni stabbiliti fil-programm ta' ħidma tal-Programm Doganali deċiż skont il-proċedura tal-komitoloġija, il-baġit tal-EUCA se jiġi ffinanzjat mill-kontribuzzjoni tal-UE deċiża fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali.

b) biex jenfasizza l-ħtieġa li l-aġenzija jkollha r-riżorsi b'mod proporzjonat mal-kompiti u r-responsabbiltajiet tagħha.

Il-konsegwenzi fuq il-kostijiet tal-ġbir tad-dazji doganali:

Skont il-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Kummissjoni, iċ-ċentralizzazzjoni tal-funzjonijiet fl-EUCA tirriżulta fi ffrankar sinifikanti għall-Istati Membri. Il-valutazzjoni stmat li dawn jistgħu jibdeu f'madwar EUR 194 miljun u jiżiedu fuq perjodu ta' 15-il sena sa madwar EUR 2,3 biljun fis-sena.

Għall-ġbir mill-ġdid, fil-perjodu 2021–2027, l-Istati Membri se jżommu 25 % tad-dazji doganali miġbura.

Fid-dawl tal-iffrankar potenzjali għall-Istati Membri li jirriżulta mit-twaqqif tal-EUCA ffinanzjat mill-baġit tal-UE, ir-rapporteur jemmen li huwa meħtieġ monitoraġġ fil-fond u previżjoni aġġornata regolarment tal-kostijiet tal-proposta kemm fuq il-baġits tal-UE kif ukoll tal-Istati Membri. Ir-rapporteur jissuġġerixxi l-introduzzjoni ta' emenda kif xieraq fit-Titolu XV.

Penali:

Ir-rapporteur huwa tal-fehma li kwalunkwe dħul pubbliku ġġenerat mill-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni jew l-infurzar tar-regolamenti tal-Unjoni għandu, b'mod awtomatiku u sabiex jiġu mutwalizzati l-benefiċċji, jakkumula għall-baġit tal-Unjoni, bħala riżorsa proprja jew bħala dħul ieħor.

Il-proposta tal-Kummissjoni tintroduċi approċċ komuni għall-penali amministrattivi applikati fil-qafas tal-Unjoni Doganali. Ir-rapporteur jissuġġerixxi li taħt it-Titolu XIV jiġi enfasizzat li r-Regolament m'għandux jipprevjeni milli jinqabdu dawn il-penali f'deċiżjoni futura dwar ir-riżorsi proprji flimkien mad-dazji doganali.

Governanza, skrutinju parlamentari u evalwazzjoni

Ir-rapporteur jintroduċi wkoll għadd ta' emendi biex jiżgura li d-dispożizzjonijiet kollha jikkonformaw bis-sħiħ mal-prinċipji fl-Approċċ Komuni.

Dan jinkludi t-tneħħija tad-dritt tal-veto tal-Kummissjoni fuq id-deċiżjonijiet amministrattivi u baġitarji peress li l-awtonomija fit-teħid tad-deċiżjonijiet baġitarji u amministrattivi hija kruċjali għall-effettività tal-Aġenzija.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni dan li ġej:

Emenda 1

Proposta għal regolament Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) L-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 żvelat dgħufijiet f'diversi oqsma. Dawn jinkludu: l-azzjoni insuffiċjenti/ineffettiva fl-iżgurar tal-protezzjoni tal-Unjoni u taċ-ċittadini tagħha kontra riskji mhux finanzjarji applikabbli għall-merkanzija stabbilita mill-politiki tal-Unjoni minbarra l-leġislazzjoni doganali; il-kapaċità tal-awtoritajiet doganali li jittrattaw b'mod effettiv il-volum li dejjem jiżdied ta' merkanzija importata minn pajjiż terz permezz ta' bejgħ mill-bogħod (tranżazzjonijiet tal-kummerċ elettroniku); il-kapaċità tal-arkitettura tas-sistemi tal-IT maħluqa mir-Regolament (UE) Nru 952/2013 sabiex tiddiġitalizza l-proċessi doganali sabiex ilaħħqu mal-pass tal-progress teknoloġiku, jiġifieri ma' teknoloġiji bbażati fuq l-isfruttament tad-data; in-nuqqas ta' strutturi effettivi ta' governanza tal-unjoni doganali, li jirriżulta fi Prattiki diverġenti u f'implimentazzjoni mhux uniformi tar-regoli fl-Istati Membri. Dawk id-dgħufijiet iwasslu għall-ħolqien ta' ostakli għall-funzjonament xieraq tal-unjoni doganali u, għalhekk, tas-suq intern, minħabba r-riskji u t-theddid interni u esterni.

Emenda

(2) L-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 żvelat dgħufijiet f'diversi oqsma. Dawn jinkludu: l-azzjoni insuffiċjenti/ineffettiva fl-iżgurar tal-protezzjoni tal-Unjoni u taċ-ċittadini tagħha kontra riskji mhux finanzjarji applikabbli għall-merkanzija stabbilita mill-politiki tal-Unjoni minbarra l-leġislazzjoni doganali; il-kapaċità tal-awtoritajiet doganali li jittrattaw b'mod effettiv il-volum li dejjem jiżdied ta' merkanzija importata minn pajjiż terz permezz ta' bejgħ mill-bogħod (tranżazzjonijiet tal-kummerċ elettroniku); il-kapaċità tal-arkitettura tas-sistemi tal-IT maħluqa mir-Regolament (UE) Nru 952/2013 sabiex tiddiġitalizza l-proċessi doganali sabiex ilaħħqu mal-pass tal-progress teknoloġiku, jiġifieri ma' teknoloġiji bbażati fuq l-isfruttament tad-data; in-nuqqas ta' strutturi effettivi ta' governanza tal-unjoni doganali, li jirriżulta fi Prattiki diverġenti u f'implimentazzjoni mhux uniformi tar-regoli fl-Istati Membri. Dawk id-dgħufijiet iwasslu għall-ħolqien ta' ostakli għall-funzjonament xieraq tal-unjoni doganali u, għalhekk, tas-suq intern, minħabba r-riskji u t-theddid interni u esterni, ***u dgħajfu wkoll, u b'mod sinifikanti, il-kapaċità tal-awtoritajiet nazzjonali li jimponu dazji doganali proporzjonati għall-valur reali tal-importazzjonijiet li jidħlu fis-Suq Uniku tal-UE. Din il-lakuna doganali wasslet għal telf importanti ta' dħul għall-baġit tal-Unjoni, li jenħtieġ li jiġi indirizzat.***

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

(18) Sabiex jiġi żgurat livell uniformi ta' diġitalizzazzjoni u sabiex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha, jenħtieġ li tiġi stabbilita Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE bħala sett ta' servizzi u ta' sistemi elettroniċi ċentralizzati, siguri u reżiljenti għaċ-ċibersigurtà għal finijiet doganali. Jenħtieġ li l-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE tiżgura l-kwalità, l-integrità, it-traċċabbiltà u n-nonrifjut tad-data pproċessata fiha, sabiex la l-mittent u lanqas ir-riċevitur ma jkunu jistgħu aktar tard jikkontestaw l-eżistenza tal-iskambju tad-data. Il-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE **u** jenħtieġ li **jikkonforma** mar-regolamenti rilevanti għall-ipproċessar tad-data personali u għaċ-ċibersigurtà. Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jfasslu l-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE b'mod konġunt. Jenħtieġ li **l-Kummissjoni** tingħata **wkoll il-kompitu** li tirregola, timplimenta u żżomm il-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE, **li tista' tiddelega lil korp ieħor tal-Unjoni**.

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 18a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(18) Sabiex jiġi żgurat livell uniformi ta' diġitalizzazzjoni u sabiex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha, jenħtieġ li tiġi stabbilita Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE bħala sett ta' servizzi u ta' sistemi elettroniċi ċentralizzati, siguri u reżiljenti għaċ-ċibersigurtà għal finijiet doganali. Jenħtieġ li l-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE tiżgura l-kwalità, l-integrità, it-traċċabbiltà u n-nonrifjut tad-data pproċessata fiha, sabiex la l-mittent u lanqas ir-riċevitur ma jkunu jistgħu aktar tard jikkontestaw l-eżistenza tal-iskambju tad-data. Il-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE jenħtieġ li **tikkonforma** mar-regolamenti rilevanti għall-ipproċessar tad-data personali u għaċ-ċibersigurtà. Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jfasslu l-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE b'mod konġunt. **L-Awtorità Doganali tal-UE** jenħtieġ li tingħata **l-kompitu** li tirregola, timplimenta u żżomm il-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE.

Emenda

(18a) Id-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni u dazji oħra stabbiliti fir-rigward tal-kummerċ ma' pajjiżi terzi jikkostitwixxu riżorsa proprja għall-baġit tal-Unjoni, u jirrappreżentaw sors ta' dħul leġittimu, stabbli u importanti għall-baġit tal-Unjoni. Sabiex jiġu koperti l-

kostijiet operatorji appoġġati mill-amministrazzjonijiet nazzjonali tagħhom biex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tal-Unjoni Doganali tal-UE, l-Istati Membri jżommu, bħala kostijiet tal-ġbir, perċentwal tal-ammonti dovuti ta' dazji doganali miġbura minnhom.

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 18b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(18b) Matul il-perjodu li jkopri l-QFP 2021-2027, l-Istati Membri jżommu 25 % tad-dazji doganali miġbura bl-intenzjoni li jkopru l-kostijiet tal-ġbir u biex iservu bħala inċentiv biex jiġi żgurat ġbir diliġenti tal-ammonti dovuti. Din ir-rata ta' żamma żdiedet b'mod kostanti matul is-snin, minn 10 % għal 20 % u sa 25 % taħt il-QFP attwali mingħajr ma kienet iġġustifikata minn żieda fil-kost tat-tagħmir, tal-persunal u tal-informazzjoni doganali fl-Istati Membri. Tali xejra 'l fuq iddghajjed il-baġit tal-Unjoni, tmur kontra l-ispirtu tad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji u twassal għal żieda ekwivalenti fil-kontribuzzjoni tal-Istati Membri għall-baġit tal-Unjoni, filwaqt li l-kontribuzzjoni bbażata fuq l-ING taġixxi bħala fattur ta' aġġustament biex jiġi żgurat baġit ibbilanċjat tal-UE. L-introduzzjoni tal-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE se ġġib magħha aktar sinerġiji u ffrankar għall-Istati Membri bis-saħħa tal-ekonomija tal-iskali li jirriżultaw mill-akkomunament tal-infrastruttura tal-IT fil-livell tal-UE filwaqt li l-kostijiet se jiġu mġarrba mill-baġit tal-UE. F'dan il-kuntest, il-kostijiet imġarrba mill-baġit tal-UE u mill-Istati Membri għall-ġbir tad-dazji doganali jenħtieġ li jiġu mmonitorjati mill-qrib biex tiġi pprovduta bażi soda u fattwali biex jinsiltu konklużjonijiet xierqa dwar ir-rata

Emenda 5

Proposta għal regolament

Premessa 55

Test propost mill-Kummissjoni

(55) Il-kriterji li għandhom jitqiesu sabiex jikkontribwixxu għall-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet għall-għażla tas-sede tal-Awtorità Doganali tal-UE jenħtieġ li jkunu l-assigurazzjoni li l-Awtorità tista' tiġi stabbilita fuq il-post mad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, l-aċċessibbiltà tal-post u l-eżistenza ta' faċilitajiet edukattivi adegwati għat-tfal tal-membri tal-persunal kif ukoll aċċess xieraq għas-suq tax-xogħol, għas-sigurtà soċjali u għall-kura medika kemm għat-tfal kif ukoll għall-konjuġi tal-membri tal-persunal. Fid-dawl tan-natura kooperattiva tal-biċċa l-kbira tal-attivitajiet tal-Awtorità Doganali tal-UE, u b'mod partikolari tar-rabta mill-qrib li se teżisti bejn is-sistemi tal-IT li l-Kummissjoni se tmantni matul il-perjodu tranżitorju, filwaqt li l-Awtorità Doganali tal-UE se tibni u topera l-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE, jenħtieġ li tkun f'post li jippermetti tali kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, mal-awtoritajiet tar-reġjuni tal-Unjoni l-aktar rilevanti għall-kummerċ internazzjonali, u mal-korpi rilevanti tal-Unjoni u internazzjonali (*pereżempju l-Organizzazzjoni Dinjija Doganali għall-iffaċilitar tal-arrikkiment reċiprokuprattiku fuq suġġetti speċifiċi*). Meta jitqiesu dawn il-kriterji, jenħtieġ li l-Awtorità Doganali tal-UE titwaqqaf fi [...].

Emenda

(55) Il-kriterji li għandhom jitqiesu sabiex jikkontribwixxu għall-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet għall-għażla tas-sede tal-Awtorità Doganali tal-UE jenħtieġ li jkunu l-assigurazzjoni li l-Awtorità tista' tiġi stabbilita fuq il-post mad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, l-aċċessibbiltà tal-post u l-eżistenza ta' faċilitajiet edukattivi adegwati għat-tfal tal-membri tal-persunal kif ukoll aċċess xieraq għas-suq tax-xogħol, għas-sigurtà soċjali u għall-kura medika kemm għat-tfal kif ukoll għall-konjuġi tal-membri tal-persunal. Fid-dawl tan-natura kooperattiva tal-biċċa l-kbira tal-attivitajiet tal-Awtorità Doganali tal-UE, u b'mod partikolari tar-rabta mill-qrib li se teżisti bejn is-sistemi tal-IT li l-Kummissjoni se tmantni matul il-perjodu tranżitorju, filwaqt li l-Awtorità Doganali tal-UE se tibni u topera l-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE, jenħtieġ li tkun f'post li jippermetti tali kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, mal-awtoritajiet tar-reġjuni tal-Unjoni l-aktar rilevanti għall-kummerċ internazzjonali, u mal-korpi rilevanti tal-Unjoni u internazzjonali. ***Sabiex tiffranka l-flus, l-Awtorità jenħtieġ li, fejn u meta xieraq, tikkoopera mill-qrib ma' istituzzjonijiet, korpi u organi oħra tal-Unjoni, speċjalment dawk li għandhom is-sede tagħhom fl-istess Stat Membru. Barra minn hekk, jenħtieġ li titqies il-firxa ġeografika tal-istituzzjonijiet, korpi u organi tal-UE.*** Meta jitqiesu dawn il-kriterji, jenħtieġ li l-Awtorità Doganali tal-UE titwaqqaf fi [...].

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 56

Test propost mill-Kummissjoni

(56) Jenħtieġ li l-Istati Membri u ***l-Kummissjoni jkunu*** rappreżentati f' Bord ***Maniġerjali***, sabiex ikun żgurat il-funzjonament effettiv tal-Awtorità Doganali tal-UE. Il-kompożizzjoni tal-Bord ***Maniġerjali***, inkluża l-għażla tal-President u tal-Viċi President tagħha, jenħtieġ li tirrispetta l-prinċipji tal-bilanċ bejn il-ġeneri, ***tal-esperjenza u tal-kwalifiki***. Minħabba l-kompetenza esklużiva tal-Unjoni dwar l-unjoni doganali, u r-rabta mill-qrib bejn id-dwana u oqsma oħrajn ta' politika, jixraq li l-President tagħha jiġi elett minn fost daww ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni. Fid-dawl tal-funzjonament effettiv u effiċjenti tal-Awtorità Doganali tal-UE, jenħtieġ li l-Bord ***Maniġerjali***, b' mod partikolari, jadotta Dokument Uniku ta' Programmazzjoni, li jinkludi programmazzjoni annwali u pluriennali, iwettaq il-funzjonijiet tiegħu marbutin mal-baġit tal-Awtorità, jadotta r-regoli finanzjarji applikabbli għall-Awtorità, jaħtar Direttur Eżekuttiv, u jistabbilixxi proċeduri għat-teħid ta' deċiżjonijiet marbutin mal-kompiti operazzjonali tal-Awtorità mid-Direttur Eżekuttiv. Jenħtieġ li l-Bord ***Maniġerjali*** jkun assistit minn Bord Eżekuttiv.

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 56a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(56) Jenħtieġ li l-Istati Membri, ***il-Kummissjoni u l-Parlament ikunu*** rappreżentati f' Bord ***tat-Tmexxija***, sabiex ikun żgurat il-funzjonament effettiv tal-Awtorità Doganali tal-UE. Il-kompożizzjoni tal-Bord ***tat-Tmexxija***, inkluża l-għażla tal-President u tal-Viċi President tagħha, jenħtieġ li tirrispetta l-prinċipji tal-bilanċ bejn il-ġeneri, ***l-esperjenza, il-kwalifiki u l-integrità***. Minħabba l-kompetenza esklużiva tal-Unjoni dwar l-unjoni doganali, u r-rabta mill-qrib bejn id-dwana u oqsma oħrajn ta' politika, jixraq li l-President tagħha jiġi elett minn fost daww ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni. Fid-dawl tal-funzjonament effettiv u effiċjenti tal-Awtorità Doganali tal-UE, jenħtieġ li l-Bord ***tat-Tmexxija***, b' mod partikolari, jadotta Dokument Uniku ta' Programmazzjoni, li jinkludi programmazzjoni annwali u pluriennali, iwettaq il-funzjonijiet tiegħu marbutin mal-baġit tal-Awtorità, jadotta r-regoli finanzjarji applikabbli għall-Awtorità, jaħtar Direttur Eżekuttiv, u jistabbilixxi proċeduri għat-teħid ta' deċiżjonijiet marbutin mal-kompiti operazzjonali tal-Awtorità mid-Direttur Eżekuttiv. Jenħtieġ li l-Bord ***tat-Tmexxija*** jkun assistit minn Bord Eżekuttiv.

(56a) Rigward il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess, huwa essenzjali li l-Awtorità taġixxi b' mod imparzjali, turi integrità u tistabbilixxi standards

professionali għoljin. Jenħtieġ li qatt ma jkun hemm raġuni leġittima biex wieħed jissuspetta li d-deċiżjonijiet jaf ikunu influwenzati minn interessi kunfliġġenti mar-rwol tal-Awtorità bħala korp li jservi lill-Unjoni kollha kemm hi jew minn interessi jew affiljazzjoni privati ta' kwalunkwe membru tal-Bord tat-Tmexxija li joħlqu, jew għandhom il-potenzjal li joħlqu, kunflitt mat-twettiq xieraq tad-dmirijiet uffiċjali tal-persuna kkonċernata. Għalhekk, jenħtieġ li l-Bord tat-Tmexxija jadotta u jagħmel disponibbli għall-pubbliku regoli komprensivi dwar il-kunflitti ta' interessi, filwaqt li jqis kif xieraq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman Ewropew. Dawk l-arranġamenti jenħtieġ li jiżguraw b'mod partikolari li r-rappreżentanti ta' livell għoli tal-Awtorità ma jdgħajfux l-integrità tagħha matul jew wara l-mandat tagħhom.

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 57

Test propost mill-Kummissjoni

(57) Sabiex tiggarrantixxi l-funzjonament effettiv tagħha, jenħtieġ li l-Awtorità Doganali tal-UE tingħata baġit awtonomu, bid-dħul li jiġi mill-baġit ġenerali tal-Unjoni u minn kwalunkwe kontribuzzjoni finanzjarja volontarja mill-Istati Membri. F'ċirkostanzi eċċezzjonali u debitament ġustifikati, jenħtieġ li l-Awtorità Doganali tal-UE tkun ukoll fil-pożizzjoni li tirċievi dħul addizzjonali permezz ta' ftehimiet ta' kontribuzzjoni jew ftehimiet ta' għotja, u imposti għal pubblikazzjonijiet u għal kwalunkwe servizz ieħor ipprovdut mill-Awtorità Doganali tal-UE.

Emenda

(57) **Jenħtieġ li l-Aġenzija tiġi pprovduta bir-riżorsi umani u finanzjarji meħtieġa biex tissodisfa l-oġettivi, il-kompiti u r-responsabbiltajiet assenjati lilha skont dan ir-regolament jew minn kull att legali rilevanti ieħor tal-Unjoni.** Sabiex tiggarrantixxi l-funzjonament effettiv tagħha, jenħtieġ li l-Awtorità Doganali tal-UE tingħata baġit awtonomu, bid-dħul li jiġi mill-baġit ġenerali tal-Unjoni u **kkomplementat** minn kwalunkwe kontribuzzjoni finanzjarja volontarja mill-Istati Membri, **sakemm dan ma jipperikolax l-indipendenza tal-Awtorità.** F'ċirkostanzi eċċezzjonali u debitament ġustifikati, jenħtieġ li l-Awtorità Doganali tal-UE tkun ukoll fil-pożizzjoni li tirċievi dħul addizzjonali permezz ta' ftehimiet ta'

kontribuzzjoni jew ftehimiet ta' għotja, u imposti għal pubblikazzjonijiet u għal kwalunkwe servizz ieħor ipprovdut mill-Awtorità Doganali tal-UE.

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 64a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(64a) Ir-rikavat finanzjarju li jirriżulta mill-infurzar tar-regolamenti tal-Unjoni jista' jiżdied mal-baġit tal-Unjoni, bħala riżorsa proprja jew bħala dħul ieħor. L-armonizzazzjoni minima tas-sanzjonijiet mhux kriminali kif ukoll ir-rwol dejjem akbar tal-UE fl-infurzar tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni jenħtieġ li jiġu kkunsidrati f'dan il-kuntest. Għaldaqstant, ir-rikavat tas-sanzjonijiet jenħtieġ li jiġi stabbilit bħala riżorsa proprja flimkien mad-dazji doganali f'konformità mal-Artikolu 311 tat-TFUE.

Emenda 10

Proposta għal regolament Premessa 65

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(65) Jenħtieġ li l-prestazzjoni tal-unjoni doganali tiġi evalwata tal-anqas fuq bażi annwali sabiex il-Kummissjoni, bl-għajjnuna tal-Istati Membri, tkun tista' tieħu l-orjentazzjonijiet ta' politika xierqa. Il-ġbir ta' informazzjoni mill-awtoritajiet doganali jenħtieġ li jiġi fformalizzat u approfondit, peress li rapportar aktar komprensiv itejjeb il-valutazzjoni komparattiva u jista' jgħin sabiex jiġu omoġenizzati l-prattiki u sabiex jiġi vvalutat l-impatt tad-deċiżjonijiet dwar il-politika doganali. Għalhekk, huwa xieraq li jiġi introdott qafas legali għall-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-unjoni doganali. Sabiex jingħata lok għal

(65) Jenħtieġ li l-prestazzjoni tal-unjoni doganali, **inkluż il-kostijiet imġarrba mill-awtoritajiet doganali biex iwettqu l-kompiti tagħhom**, tiġi evalwata tal-anqas fuq bażi annwali sabiex il-Kummissjoni, bl-għajjnuna tal-Istati Membri, tkun tista' tieħu l-orjentazzjonijiet ta' politika xierqa. Il-ġbir ta' informazzjoni mill-awtoritajiet doganali jenħtieġ li jiġi fformalizzat u approfondit, peress li rapportar aktar komprensiv itejjeb il-valutazzjoni komparattiva u jista' jgħin sabiex jiġu omoġenizzati l-prattiki u sabiex jiġi vvalutat l-impatt tad-deċiżjonijiet dwar il-politika doganali. Għalhekk, huwa xieraq li jiġi introdott qafas legali għall-

granularità suffiċjenti tal-analiżi, jenħtieġ li l-kejl tal-prestazzjoni jsir mhux biss fil-livell nazzjonali iżda wkoll fil-livell tal-punt ta' qsim tal-fruntiera. Jenħtieġ li l-Awtorità Doganali tal-UE ssostni lill-Kummissjoni fil-proċess ta' evalwazzjoni billi tiġbor u tanalizza d-data fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE u tidentifika kif l-attivitajiet u l-operazzjonijiet doganali jsostnu l-kisba tal-oġettivi strateġiċi u l-prijoritajiet tal-unjoni doganali u jikkontribwixxu għall-missjoni tal-awtoritajiet doganali. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Awtorità Doganali tal-UE tidentifika x-xejriet, l-aspetti b'saħħithom, id-dgħufijiet, il-lakuni, u r-riskji potenzjali ewlenin, u tipprovdi rakkomandazzjonijiet għal titjib lill-Kummissjoni. Fil-kuntest tal-kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u tas-sigurtà b'mod partikolari, jenħtieġ li l-Awtorità Doganali tal-UE tipparteċipa wkoll, mill-perspettiva operazzjonali, f'analiżijiet strateġiċi u f'valutazzjonijiet tat-theddid imwettqin fil-livell tal-Unjoni, inklużi dawk imwettqin mill-Europol u mill-Frontex.

evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-unjoni doganali. Sabiex jingħata lok għal granularità suffiċjenti tal-analiżi, jenħtieġ li l-kejl tal-prestazzjoni jsir mhux biss fil-livell nazzjonali iżda wkoll fil-livell tal-punt ta' qsim tal-fruntiera. Jenħtieġ li l-Awtorità Doganali tal-UE ssostni lill-Kummissjoni fil-proċess ta' evalwazzjoni billi tiġbor u tanalizza d-data fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE u tidentifika kif l-attivitajiet u l-operazzjonijiet doganali jsostnu l-kisba tal-oġettivi strateġiċi u l-prijoritajiet tal-unjoni doganali u jikkontribwixxu għall-missjoni tal-awtoritajiet doganali. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Awtorità Doganali tal-UE tidentifika x-xejriet, l-aspetti b'saħħithom, id-dgħufijiet, il-lakuni, u r-riskji potenzjali ewlenin, u tipprovdi rakkomandazzjonijiet għal titjib lill-Kummissjoni. ***Jenħtieġ li tappoġġja wkoll lill-Kummissjoni biex twettaq, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, analiżi tal-kostijiet operatorji mġarrba mill-awtoritajiet doganali nazzjonali għat-twettiq tal-kompiti tagħhom.*** Fil-kuntest tal-kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u tas-sigurtà b'mod partikolari, jenħtieġ li l-Awtorità Doganali tal-UE tipparteċipa wkoll, mill-perspettiva operazzjonali, f'analiżijiet strateġiċi u f'valutazzjonijiet tat-theddid imwettqin fil-livell tal-Unjoni, inklużi dawk imwettqin mill-Europol u mill-Frontex.

Emenda 11

Proposta għal regolament Artikolu 29 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa, ***timplimenta u iżomm il-Pjattaforma*** tad-Data Doganali tal-UE, inkluż li tagħmel disponibbli għall-pubbliku l-

Emenda

3. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa ***l-Pjattaforma*** tad-Data Doganali tal-UE, inkluż li tagħmel disponibbli għall-pubbliku l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi

ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-
ipproċessar tad-data fiha, u għandha
tistabbilixxi qafas tal-kwalità tad-data.

għall-ipproċessar tad-data fiha, u għandha
tistabbilixxi qafas tal-kwalità tad-data. **L-
Awtorità Doganali tal-UE għandha
toperaha u żżommha.**

Emenda 12

Proposta għal regolament Artikolu 204 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-Awtorità Doganali tal-UE
għandha tistabbilixxi ċellola ta' rispons
għall-kriżijiet li tkun disponibbli b'mod
permanenti matul il-kriżi.

Emenda

3. L-Awtorità Doganali tal-UE
għandha tistabbilixxi ċellola ta' rispons
għall-kriżijiet li tkun disponibbli b'mod
permanenti matul il-kriżi. ***Din iċ-
ċellola
jenħieġ li tiġi ffinanzjata mill-baġit
mogħti lill-Awtorità Doganali tal-UE.***

Emenda 13

Proposta għal regolament Artikolu 207 – paragrafu -1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Awtorità Doganali tal-UE
għandha tikkontribwixxi għat-twettiq tal-
missjoni tal-awtoritajiet doganali kif
stabbilita fl-Artikolu 2.

Emenda

***-1. L-Awtorità Doganali tal-UE
għandha topera u żżomm is-sistemi tat-
teknoloġija tal-informazzjoni użati għall-
implimentazzjoni tal-Unjoni Doganali,
bħall-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-
UE, kif stabbilit fit-Titolu III.***

Emenda 14

Proposta għal regolament Artikolu 207 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Awtorità Doganali tal-UE
għandha tikkontribwixxi għat-twettiq tal-
missjoni tal-awtoritajiet doganali kif
stabbilita fl-Artikolu 2.

Emenda

imħassar

Emenda 15

**Proposta għal regolament
Artikolu 208 – paragrafu 3**

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-Awtorità Doganali tal-UE għandha twestaq attivitajiet ta' bini tal-kapaċitajiet u ttiprovdi appoġġ u koordinazzjoni operazzjonali lill-awtoritajiet doganali. B'mod partikolari, hija għandha:

Emenda 16

**Proposta għal regolament
Artikolu 208 – paragrafu 3– punt b**

Test propost mill-Kummissjoni

(b) twestaq kejl tal-prestazzjoni għall-unjoni doganali, u ssostni lill-Kummissjoni fl-evalwazzjoni tagħha tal-prestazzjoni tal-unjoni doganali, f'konformità mat-Titolu XV, il-Kapitolu 1;

Emenda 17

**Proposta għal regolament
Artikolu 208 – paragrafu 3 – punt ia (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. L-Awtorità Doganali tal-UE għandha twestaq attivitajiet ta' bini tal-kapaċitajiet u ttiprovdi appoġġ u koordinazzjoni operazzjonali lill-awtoritajiet doganali ***u lill-Kummissjoni***. B'mod partikolari, hija għandha:

Emenda

(b) twestaq kejl tal-prestazzjoni għall-unjoni doganali, u ssostni lill-Kummissjoni fl-evalwazzjoni tagħha tal-prestazzjoni tal-unjoni doganali, ***inkluż il-kejl tal-kostijiet operatorji mġarrba mill-awtoritajiet doganali biex iwettqu l-attività tagħhom***, f'konformità mat-Titolu XV, il-Kapitolu 1;

Emenda

(ia) ttiprovdi appoġġ lill-Kummissjoni għall-iżvilupp u għall-implimentazzjoni ta' strateġija operazzjonali għal attivitajiet relatati mal-allokazzjoni, mal-finanzjament u mal-akkwist ta' tagħmir ta' kontroll, inkluż il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet, l-akkwist konġunt u l-kondiviżjoni konġunta tat-tagħmir.

Emenda 18

Proposta għal regolament Artikolu 209

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 209

imħassar

Kompiti oħrajn

r

Il-Kummissjoni tista' tinkariga lill-Awtorità Doganali tal-UE bil-kompiti li ġejjin għall-implimentazzjoni tal-programmi ta' finanzjament relatati mad-dwana:

- (a) attivitajiet relatati mal-iżvilupp, mat-tħaddim u mal-manutenzjoni tas-sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni użati għall-implimentazzjoni tal-Unjoni Doganali, bħal-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE, kif stabbilit fit-Titolu III;*
- (b) l-għoti ta' sostenn lill-Kummissjoni għall-iżvilupp u għall-implimentazzjoni ta' strateġija operazzjonali għal attivitajiet relatati mal-allokazzjoni, mal-finanzjament u mal-akkwist ta' tagħmir ta' kontroll, inklużi l-valutazzjoni tal-ħtiġijiet, l-akkwist konġunt u l-kondiviżjoni konġunta tat-tagħmir.*

Emenda 19

Proposta għal regolament Artikolu 212 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jkun magħmul minn rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru u ***minn żewġ rappreżentanti mill-Kummissjoni***, ilkoll bid-dritt tal-vot.

1. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jkun magħmul minn rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru, ***żewġ rappreżentanti tal-Kummissjoni u membru wieħed deżinjat mill-Parlament Ewropew***, ilkoll bid-dritt tal-vot.

Emenda 20

Proposta għal regolament Artikolu 212 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. *Il-Bord tat-Tmexxija għandu jinkludi wkoll membru wieħed deżinjat mill-Parlament Ewropew, li ma jkollu l-ebda dritt tal-vot.*

Emenda

imħassar

Emenda 21

Proposta għal regolament Artikolu 212 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-membri tal-Bord Tmexxija u l-membri supplenti tagħhom għandhom jinħatru fid-dawl tal-għarfien tagħhom fil-qasam tad-dwana, filwaqt li jitqiesu l-ħiliet maniġerjali, amministrattivi u baġitarji rilevanti. Il-partijiet kollha rappreżentati fil-Bord tat-Tmexxija għandhom jagħmlu sforzi sabiex jillimitaw id-dawran tar-rappreżentanti tagħhom, sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-ħidma tiegħu. Il-partijiet kollha għandhom *ifittxu* li jilħqu rappreżentanza bbilanċjata bejn il-ġeneri fil-Bord tat-Tmexxija.

Emenda

4. Il-membri tal-Bord Tmexxija u l-membri supplenti tagħhom għandhom jinħatru fid-dawl tal-għarfien tagħhom fil-qasam tad-dwana, filwaqt li jitqiesu l-ħiliet maniġerjali, amministrattivi u baġitarji rilevanti. Il-partijiet kollha rappreżentati fil-Bord tat-Tmexxija għandhom jagħmlu sforzi sabiex jillimitaw id-dawran tar-rappreżentanti tagħhom, sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-ħidma tiegħu. Il-partijiet kollha għandhom *jżguraw* li jilħqu rappreżentanza bbilanċjata bejn il-ġeneri fil-Bord tat-Tmexxija.

Emenda 22

Proposta għal regolament Artikolu 212 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5 a. Kull membru u sostitut għandhom jiffirmaw dikjarazzjoni bil-miktub meta jieħdu l-kariga, li fiha jiddikjaraw li mhumiex f'sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interessi. Kull membru u sostitut għandhom jaġġornaw id-dikjarazzjoni tagħhom fil-każ li jkun hemm bidla fiċ-ċirkostanzi fir-rigward ta' kwalunkwe kunflitt ta' interessi, jew tal-anqas darba

fis-sena. L-Awtorità għandha tippublika d-dikjarazzjonijiet u l-aġġornamenti fuq is-sit web tagħha.

Emenda 23

Proposta għal regolament Artikolu 214 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Meta fl-aġenda jkun hemm kwistjoni ta' kunfidenzjalità jew ta' kunflitt ta' interessi, il-Bord tat-Tmexxija għandu jiddiskuti u jiddeċiedi dwar din il-kwistjoni mingħajr il-preżenza tal-membri kkonċernat. Regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni jistgħu jitqiegħdu fir-regoli ta' proċedura.

Emenda

6. Meta fl-aġenda jkun hemm kwistjoni ta' kunfidenzjalità jew ta' kunflitt ta' interessi, il-Bord tat-Tmexxija għandu jiddiskuti u jiddeċiedi dwar din il-kwistjoni mingħajr il-preżenza tal-membri kkonċernat. ***Dan m'għandux jaffettwa d-dritt tal-Istati Membri, tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni li jkunu rrappreżentati minn sostituti jew minn kwalunkwe persuna oħra.*** Regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni jistgħu jitqiegħdu fir-regoli ta' proċedura.

Emenda 24

Proposta għal regolament Artikolu 215 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) jadotta ***regoli*** għall-prevenzjoni u għall-ġestjoni tal-kunflitti ta' ***interest*** fir-rigward tal-membri tiegħu; u għandu jippublika kull sena fuq is-sit web tiegħu d-dikjarazzjoni tal-interessi tal-membri tal-bord tat-tmexxija;

Emenda

(f) jadotta ***u jagħmel disponibbli għall-pubbliku r-regoli*** għall-prevenzjoni u għall-ġestjoni tal-kunflitti ta' ***interessi*** fir-rigward tal-membri tiegħu; u għandu jippublika kull sena fuq is-sit web tiegħu d-dikjarazzjoni tal-interessi tal-membri tal-bord tat-tmexxija;

Emenda 25

Proposta għal regolament Artikolu 215 – paragrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni

(h) jadotta r-regoli ta' proċedura

Emenda

(h) jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu

tiegħu;

u jagħmilhom disponibbli għall-pubbliku;

Emenda 26

Proposta għal regolament Artikolu 216 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. *Id-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 215(1), il-punti (b), (c), (e), (f), (j), (m), (n), (o) u (s) tista' tittieħed biss jekk ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni jitfgħu vot pożittiv. Għall-finijiet tat-teħid tad-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 215(1), il-punt (s), il-kunsens tar-rappreżentanti tal-Kummissjoni għandu jkun meħtieġ biss fuq l-elementi tad-deċiżjoni li ma jkunux relatati mal-programm ta' ħidma annwali u pluriennali tal-Awtorità Doganali tal-UE.*

imħassar

Emenda 27

Proposta għal regolament Artikolu 217 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5. Il-Bord Eżekuttiv għandu jkun magħmul minn żewġ rappreżentanti tal-Kummissjoni għall-Bord tat-Tmexxija u minn tliet membri oħrajn maħturin mill-Bord tat-Tmexxija minn fost il-membri tiegħu li jkollhom id-dritt tal-vot. Il-President tal-Bord tat-Tmexxija għandu jkun ukoll il-President tal-Bord Eżekuttiv. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jieħu sehem fil-laqgħat tal-Bord Eżekuttiv, iżda ma għandux ikollu d-dritt tal-vot. Id-deċiżjonijiet tal-Bord Eżekuttiv għandhom jittieħdu b' maġġoranza sempliċi. *Id-deċiżjonijiet fir-rigward tal-paragrafu (2), il-punt (b) jistgħu jittieħdu biss jekk rappreżentant wieħed tal-Kummissjoni*

5. Il-Bord Eżekuttiv għandu jkun magħmul minn żewġ rappreżentanti tal-Kummissjoni għall-Bord tat-Tmexxija u minn tliet membri oħrajn maħturin mill-Bord tat-Tmexxija minn fost il-membri tiegħu li jkollhom id-dritt tal-vot *u bl-għan li jiġi żgurat bilanċ bejn il-ġeneri.* Il-President tal-Bord tat-Tmexxija għandu jkun ukoll il-President tal-Bord Eżekuttiv. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jieħu sehem fil-laqgħat tal-Bord Eżekuttiv, iżda ma għandux ikollu d-dritt tal-vot. Id-deċiżjonijiet tal-Bord Eżekuttiv għandhom jittieħdu b' maġġoranza sempliċi.

jitfa' vot pożittiv.

Emenda 28

Proposta għal regolament Artikolu 218 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jiġi impjegat bħala aġent temporanju tal-Awtorità Doganali tal-UE f'konformità mal-Artikolu 2(a) tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieġ applikabbli għall-Aġenti l-Oħra.

Id-Direttur Eżekuttiv għandu jinħatar mill-Bord tat-Tmexxija *fuq il-bażi tal-mertu u tal-ħiliet amministrattivi u maniġerjali ddokumentati, kif ukoll tal-kompetenza u tal-esperjenza rilevanti, minn lista ta' mill-inqas tliet kandidati proposti mill-Kummissjoni, wara proċedura ta' selezzjoni miftuħa u trasparenti.*

Għall-fini tal-konklużjoni tal-kuntratt mad-Direttur Eżekuttiv, l-Awtorità Doganali tal-UE għandha tkun rappreżentata mill-President tal-Bord tat-Tmexxija.

Emenda

1. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jiġi impjegat bħala aġent temporanju tal-Awtorità Doganali tal-UE f'konformità mal-Artikolu 2(a) tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieġ applikabbli għall-Aġenti l-Oħra.

Id-Direttur Eżekuttiv għandu jinħatar mill-Bord tat-Tmexxija *f'konformità mal-proċedura li ġejja:*

(a) abbażi ta' lista qasira mfassla u ppubblikata mill-Kummissjoni li tiżgura bilanċ bejn il-ġeneri wara sejħa għall-kandidati u proċedura ta' għażla trasparenti, l-applikanti jintalbu jindirizzaw lill-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u jwieġbu għal mistoqsijiet;

(b) il-Parlament Ewropew u l-Kunsill imbagħad jagħtu l-opinjoni tagħhom u jiddikjaraw il-preferenzi tagħhom;

(c) il-Bord tat-Tmexxija jaħtar lid-Direttur Eżekuttiv filwaqt li jikkunsidra dawk l-opinjonijiet.

Għall-fini tal-konklużjoni tal-kuntratt mad-Direttur Eżekuttiv, l-Awtorità Doganali tal-UE għandha tkun

Emenda 29

Proposta għal regolament Artikolu 218 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-Bord tat-Tmexxija, filwaqt li jaġixxi fuq proposta ***tal-Kummissjoni*** li tqis il-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, jista' jestendi l-mandat tad-Direttur Eżekuttiv darba għal mhux aktar minn 5 snin.

Emenda

3. Il-Bord tat-Tmexxija, filwaqt li jaġixxi fuq proposta ***mill-Kummissjoni*** li tqis il-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 4, jista' jestendi l-mandat tad-Direttur Eżekuttiv darba, għal mhux aktar minn ***ħames*** snin. ***Il-Bord tat-Tmexxija għandu jinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-intenzjoni tiegħu li jestendi l-mandat tad-Direttur Eżekuttiv. Qabel ma l-Bord tat-Tmexxija jieħu d-deċiżjoni tiegħu li jestendi l-mandat, id-Direttur Eżekuttiv jista' jintalab jaġmel dikjarazzjoni quddiem il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew u jwieġeb mistoqsijiet.***

Emenda 30

Proposta għal regolament Artikolu 218 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Id-Direttur Eżekuttiv jista' jitneħħa mill-kariga biss wara deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni.

Emenda

5. Id-Direttur Eżekuttiv jista' jitneħħa mill-kariga biss wara deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni. ***Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jiġu infurmati bir-raġunijiet.***

Emenda 31

Proposta għal regolament Artikolu 219 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-twettiq ta' dmirijietu u l-prestazzjoni ġenerali tal-Awtorità Doganali tal-UE meta jkun mistieden jagħmel dan.

3. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-twettiq ta' dmirijietu u l-prestazzjoni ġenerali tal-Awtorità Doganali tal-UE meta jkun mistieden jagħmel dan.
Id-Direttur Eżekuttiv jista' jintalab fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill biex jattendi seduta ta' smiġh dwar kwalunkwe kwistjoni marbuta mal-attivitajiet tal-Aġenzija.

Emenda 32

Proposta għal regolament Artikolu 219 – paragrafu 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) jiżgura l-amministrazzjoni ta' kuljum tal-Awtorità Doganali tal-UE;

Emenda

(a) jiżgura l-amministrazzjoni ta' kuljum ***sostenibbli u effiċjenti*** tal-Awtorità Doganali tal-UE;

Emenda 33

Proposta għal regolament Artikolu 228 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Sabiex jiġu miġġielda l-frodi, il-korruzzjoni u attivitajiet illegali oħrajn fi ħdan l-Awtorità Doganali tal-UE, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 għandhom japplikaw mingħajr restrizzjoni.

Emenda

1. Sabiex jiġu miġġielda l-frodi, il-korruzzjoni u attivitajiet illegali oħrajn, ***kif ukoll sabiex tiġi żgurata l-osservanza tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji tal-protezzjoni ambjentali***, fi ħdan l-Awtorità Doganali tal-UE, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 għandhom japplikaw mingħajr restrizzjoni.

Emenda 34

Proposta għal regolament Artikolu 237 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

3. Meta ċirkustanzi eċċezzjonali jkun

Emenda

3.(1) Meta ċirkustanzi eċċezzjonali jkun

jirrikjedu hekk, id-Direttur Eżekuttiv jista' jiddeċiedi li jistabbilixxi **uffiċċju lokali** fi **Stat Membru ieħor** għall-finijiet tat-twettiq tal-kompiti tal-Awtorità Doganali tal-UE b'mod aktar effiċjenti, effettiv u koerenti.

jirrikjedu hekk, id-Direttur Eżekuttiv jista' jiddeċiedi li jistabbilixxi **uffiċċji** fi **Stati Membri oħra** għall-finijiet tat-twettiq tal-kompiti tal-Awtorità Doganali tal-UE b'mod aktar effiċjenti, effettiv u koerenti.

Emenda 35

Proposta għal regolament Artikolu 254 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Meta jiġu applikati sanzjonijiet għall-ksur doganali msemmi fl-Artikolu 252, dawn għandhom jieħdu tal-anqas waħda jew aktar mill-forom li ġejjin, filwaqt li jiżguraw li s-sanzjonijiet ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi u b'kont meħud taċ-ċirkostanzi estenwanti u ta' mitigazzjoni msemmijin fl-Artikolu 247 u taċ-ċirkostanzi aggravanti msemmijin fl-Artikolu 248

Emenda

1. Meta jiġu applikati sanzjonijiet għall-ksur doganali msemmi fl-Artikolu 252, dawn għandhom jieħdu tal-anqas waħda jew aktar mill-forom li ġejjin, filwaqt li jiżguraw li s-sanzjonijiet ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi u b'kont meħud taċ-ċirkostanzi estenwanti u ta' mitigazzjoni msemmijin fl-Artikolu 247 u taċ-ċirkostanzi aggravanti msemmijin fl-Artikolu 248

Emenda 36

Proposta għal regolament Artikolu 254 – paragrafu 2 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. ***L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu dwar l-użu tar-rikavat li jirriżulta mill-infurzar ta' sanzjonijiet mhux kriminali ħlief meta stabbilit bħala riżorsa proprja f'konformità mal-Artikolu 311(3) tat-TFUE.***

Emenda 37

Proposta għal regolament Artikolu 255 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta u tevalwa l-prestazzjoni tal-unjoni doganali

1. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta u tevalwa l-prestazzjoni tal-unjoni doganali

tal-anqas fuq bażi annwali. Dan jinkludi l-kejl tal-attivitajiet doganali mwettqin mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri u meta possibbli mill-pajżi kandidati fil-livelli nazzjonali u tal-punti ta' qsim tal-fruntieri. Tali kejl jista' jibni fuq l-għodod eżistenti żviluppati mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri għal dan l-għan.

tal-anqas fuq bażi annwali. Dan jinkludi l-kejl tal-attivitajiet doganali mwettqin mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri u meta possibbli mill-pajżi kandidati fil-livelli nazzjonali u tal-punti ta' qsim tal-fruntieri, ***kif ukoll monitoraġġ regolari tal-livell tan-nefqa mġarrba mill-awtoritajiet doganali nazzjonali fit-twettiq tal-attivitajiet tagħhom***. Tali kejl jista' jibni fuq l-għodod eżistenti żviluppati mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri għal dan l-għan.

Emenda 38

Proposta għal regolament Artikolu 255 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Awtorità Doganali tal-UE għandha tassisti lill-Kummissjoni b'dak il-kompitu. Sabiex issostni lill-Kummissjoni fl-evalwazzjoni tagħha tal-prestazzjoni tal-unjoni doganali, l-Awtorità Doganali tal-UE għandha tidentifika kif l-attivitajiet u l-operazzjonijiet doganali jsostnu l-kisba tal-oġġettivi strateġiċi u tal-prijoritajiet tal-unjoni doganali u jikkontribwixxu għall-missjoni tal-awtoritajiet doganali stabbiliti fl-Artikolu 2. B'mod partikolari, l-Awtorità Doganali tal-UE għandha tidentifika x-xejriet, l-aspetti b'saħħithom, id-dgħufijiet, il-lakuni ***u r-riskji*** potenzjali ewlenin, u ttipprovdi rakkomandazzjonijiet għal titjib lill-Kummissjoni.

Emenda

2. L-Awtorità Doganali tal-UE għandha tassisti lill-Kummissjoni b'dak il-kompitu. Sabiex issostni lill-Kummissjoni fl-evalwazzjoni tagħha tal-prestazzjoni tal-unjoni doganali, l-Awtorità Doganali tal-UE għandha tidentifika kif l-attivitajiet u l-operazzjonijiet doganali jsostnu l-kisba tal-oġġettivi strateġiċi u tal-prijoritajiet tal-unjoni doganali u jikkontribwixxu għall-missjoni tal-awtoritajiet doganali stabbiliti fl-Artikolu 2. B'mod partikolari, l-Awtorità Doganali tal-UE għandha tidentifika x-xejriet, l-aspetti b'saħħithom, id-dgħufijiet, il-lakuni, ***ir-riskji*** potenzjali ewlenin, ***tappoġġja lill-Kummissjoni fil-ġbir ta' data rilevanti dwar il-livelli tan-nefqa mġarrba mill-awtoritajiet doganali nazzjonali biex jiġi żgurat il-funzjonament tagħhom***, u ttipprovdi rakkomandazzjonijiet għal titjib lill-Kummissjoni.

Emenda 39

Proposta għal regolament Artikolu 256 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-Kummissjoni għandha tivverifika r-rapport u wara tibagħtu lill-Istati Membri għall-informazzjoni.

Emenda

4. Il-Kummissjoni għandha tivverifika r-rapport u wara tibagħtu lill-Istati Membri **u lill-Parlament Ewropew** għall-informazzjoni.

Emenda 40

Proposta għal regolament Artikolu 258 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) ħarsa ġenerali lejn il-kostijiet imġarrba mill-Unjoni min-naħa l-waħda u mill-Istati Membri min-naħa l-oħra għall-implimentazzjoni tar-Regolament, inkluż meta mqabbla mal-kostijiet imġarrba fid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament.

**ANNES: ENTITAJIET JEW PERSUNI
LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur għal opinjoni jiddikjara li rċieva kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tnejn tal-opinjoni, sal-adozzjoni tagħha fil-kumitat:

Entità u/jew persuna
Alibaba Group

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur għal opinjoni.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	L-istabbiliment tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u l-Awtorità Doganali tal-Unjoni Ewropea, u t-tħassir tar-Regolament (UE) Nru 952/2013
Referenzi	COM(2023)0258 – C9-0175/2023 – 2023/0156(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	IMCO 19.10.2023
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 19.10.2023
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	José Manuel Fernandes 28.6.2023
Eżami fil-kumitat	16.11.2023
Data tal-adozzjoni	11.1.2024
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 23 –: 3 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Pietro Bartolo, Olivier Chastel, Katalin Cseh, Andor Deli, Pascal Durand, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazabal Rubial, Vlad Gheorghe, Andrzej Halicki, Valérie Hayer, Monika Hohlmeier, Moritz Körner, Camilla Laureti, Janusz Lewandowski, Margarida Marques, Lefteris Nikolaou-Alavanos, Andrey Novakov, Bogdan Rzońca, Nils Torvalds, Nils Ušakovs, Rainer Wieland
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Ana Collado Jiménez, Francisco Guerreiro
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Maria Grapini, Markus Pieper, Bernhard Zimniok

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

23	+
NI	Andor Deli
PPE	Ana Collado Jiménez, José Manuel Fernandes, Andrzej Halicki, Monika Hohlmeier, Janusz Lewandowski, Andrey Novakov, Markus Pieper, Rainer Wieland
Renew	Olivier Chastel, Katalin Cseh, Vlad Gheorghe, Valérie Hayer, Moritz Körner, Nils Torvalds
S&D	Pietro Bartolo, Pascal Durand, Eider Gardiazabal Rubial, Maria Grapini, Camilla Laureti, Margarida Marques, Nils Ušakovs
Verts/ALE	Francisco Guerreiro

3	-
ECR	Bogdan Rzońca
ID	Bernhard Zimniok
NI	Lefteris Nikolaou-Alavanos

0	0

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni